Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 16 ta' April 2021
(OR. en)

7396/21
PV CONS 3
AGRI 159
PECHE 104

# ABBOZZ TA' MINUTI

KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

(**Agrikoltura u Sajd**)

22 u 23 ta' Marzu 2021

## KONTENUT

**Paġna**


1. Adozzjoni tal-aġenda ........ 3

2. Approvazzjoni ta' punti "A" ........ 3
   a) Lista mhux leġiżlattiva ........ 3
   b) Lista leġiżlattiva ........ 3

**Attivitajiet mhux leġiżlattivi**

SAJD

3. Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2021/92 fir-rigward ta' ċerti opportunitajiet tas-sajd għall-2021 fl-ilmijiet tal-Unjoni u f'dawk mhux tal-Unjoni ........ 3

AGRIKOLTURA

4. Tħejjija ta' miżuri fitosanitarji protettivi kontra pesti tal-pjanti li jheddu l-agrikoltura ........ 4

5. L-użu ta' aġenti ta' kontroll bijoloġiku (makroorganiżmi) kontra pesti tal-pjanti ........ 4

6. Tħejjija tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK ........ 4

**Affarijiet oħra**

7. L-isfidi u l-prijoritajiet fit-tħejjija tal-Istrateġija tal-UE għall-Foresti wara l-2020 ........ 5

**Attivitajiet mhux leġiżlattivi**

SAJD

3. (kontinwazzjoni) Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2021/92 fir-rigward ta' ċerti opportunitajiet tas-sajd għall-2021 fl-ilmijiet tal-Unjoni u f'dawk mhux tal-Unjoni ........ 5

**Deliberazzjonijiet leġiżlattivi**

AGRIKOLTURA

8. Pakkett ta' riforma tal-PAK għal wara l-2020 ........ 6
   a) Regolament dwar il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK
   b) Regolament dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-PAK
   c) Regolament dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq (OKS) fi prodotti agrikoli

**Affarijiet oħra**

9. Agrikoltura
   a) Proposti leġiżlattivi attwali ........ 7
   b) Ħtieġa ta' fondi addizzjonali biex jiġi appoġġat is-settur tal-inbid affettwat mill-kriżi tal-COVID-19 u t-tariffi tal-Istati Uniti ........ 8


***

## LAQGĦA TAT-TNEJN 22 TA' MARZU 2021

### 1. Adozzjoni tal-aġenda

Il-Kunsill adotta l-aġenda li tinsab fid-dokument 6866/21.

### 2. Approvazzjoni ta' punti "A"

**a) Lista mhux leġiżlattiva** 6973/21

Il-Kunsill adotta l-punti "A" elenkati fid-dokument 6973/21 inkluż id-dokumenti COR u REV ippreżentati għall-adozzjoni. Dikjarazzjonijiet għal dawn il-punti jinsabu fl-Addendum.

**b) Lista leġiżlattiva (Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)** 7101/21

Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji

| | | |
|---|---|---|
| Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2011/16/UE dwar il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-tassazzjoni<br>*Adozzjoni tal-att leġiżlattiv*<br>approvat mill-Coreper, Parti 2, fis-17.03.2021 | S C | 7005/21<br>12908/20<br>FISC |

Il-Kunsill adotta d-Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2011/16/UE dwar il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-tassazzjoni, li tinsab fid-dok. 12908/20 (+REV1(fi)) (Bażi legali: l-Artikoli 113 u 115 TFUE).

**Attivitajiet mhux leġiżlattivi**

SAJD

| | | |
|---|---|---|
| **3. Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2021/92 fir-rigward ta' ċerti opportunitajiet tas-sajd għall-2021 fl-ilmijiet tal-Unjoni u f'dawk mhux tal-Unjoni**<br>(Bażi legali proposta mill-Kummissjoni: l-Artikolu 43(3) TFUE)<br>*Qbil politiku* | C | 6765/21 + ADD 1 |

Il-Kunsill laħaq qbil politiku dwar l-emenda tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/92 fir-rigward ta' ċerti opportunitajiet ta' sajd għall-2021 fl-ilmijiet tal-Unjoni u f'dawk mhux tal-Unjoni. Ġew ippreżentati diversi dikjarazzjonijiet biex jiġu inklużi fil-minuti, kif jinsabu fl-Addendum.

AGRIKOLTURA

**4. Tħejjija ta' miżuri fitosanitarji protettivi kontra pesti tal-pjanti li jheddu l-agrikoltura** 6639/21
***Skambju ta' fehmiet***

Abbażi ta' nota ta' spjegazzjoni u l-mistoqsijiet imħejjija mill-Presidenza fid-dok. 6639/21 il-Kunsill kellu skambju ta' fehmiet dwar it-tħejjija ta' miżuri fitosanitarji protettivi kontra pesti tal-pjanti li jheddu l-agrikoltura. Il-Kunsill ħa nota tal-fehmiet espressi mid-delegazzjonijiet u l-Kummissjoni.

**5. L-użu ta' aġenti ta' kontroll bijoloġiku (makroorganiżmi) kontra pesti tal-pjanti** 6645/21
***Dibattitu ta' orjentazzjoni***

Il-Kunsill kellu dibattitu dwar l-aġenti ta' kontroll bijoloġiku abbażi ta' dokument ta' sfond u l-mistoqsijiet imħejjija mill-Presidenza li jinsabu fid-dok. 6645/21. Il-Kunsill ħa nota tal-fehmiet espressi mid-delegazzjonijiet u l-Kummissjoni u tal-inizjattiva tal-Presidenza rigward proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill li titlob lill-Kummissjoni tippreżenta studju dwar is-sitwazzjoni u l-għażliet tal-Unjoni rigward l-importazzjoni, l-evalwazzjoni, il-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni ta' aġenti ta' kontroll bijoloġiku fit-territorju tal-Unjoni u proposta, jekk adatt fid-dawl tal-eżitu tal-istudju.

**6. Tħejjija tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK** 6785/21
***Skambju ta' fehmiet***

Il-Kunsill kellu skambju ta' fehmiet dwar ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni lill-Istati Membri fir-rigward tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom, abbażi tad-dokument tal-Presidenza li jinsab fid-dok. 6785/21.

**Affarijiet oħra**

**7. Agrikoltura**

**L-isfidi u l-prijoritajiet fit-tħejjija tal-Istrateġija tal-UE għall-Foresti wara l-2020** [2] 6644/1/21 REV 1
*Informazzjoni mid-delegazzjoni Awstrijaka f'isem id-delegazzjoni Awstrijaka, Bulgara, Kroata, Ċeka, Estonjana, Finlandiża, Ungeriża, Latvjana, Litwana, Maltija, Pollakka u Slovakka*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mid-delegazzjoni Awstrijaka dwar l-Istrateġija tal-UE għall-Foresti li jmiss għal wara l-2020 f'isem id-delegazzjoni Awstrijaka, Bulgara, Kroata, Ċeka, Estonjana, Finlandiża, Ungeriża, Latvjana, Litwana, Maltija, Pollakka u Slovakka. Il-Kunsill ħa nota wkoll tal-kummenti li saru minn diversi delegazzjonijiet u mill-Kummissjoni.

**LAQGĦA TAT-TLIETA 23 TA' MARZU 2021**

**Attivitajiet mhux leġiżlattivi**

SAJD

**3. (kontinwazzjoni) Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2021/92 fir-rigward ta' ċerti opportunitajiet tas-sajd għall-2021 fl-ilmijiet tal-Unjoni u f'dawk mhux tal-Unjoni** [C] 6765/21 + ADD 1
(Bażi legali proposta mill-Kummissjoni: l-Artikolu 43(3) TFUE)
*Qbil politiku*

Ara hawn fuq (il-punt 3, fil-paġna 3).

**Deliberazzjonijiet leġiżlattivi**
(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

AGRIKOLTURA

**8. Pakkett ta' riforma tal-PAK għal wara l-2020** ❶C

| | | |
|---|---|---|
| **a)** | **Regolament dwar il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK** | 6680/21 |
| **b)** | **Regolament dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-PAK** | 6919/21 |
| **c)** | **Regolament dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq (OKS) fi prodotti agrikoli** | 6900/21 |

*Dibattitu ta' orjentazzjoni*

- Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza dwar in-negozjati interistituzzjonali li għaddejjin dwar ir-Regolament dwar il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK abbażi tad-dok. 6680/21.
  Il-Kunsill kellu skambju ta' fehmiet dwar il-kwistjonijiet pendenti ewlenin, b'mod partikolari dwar l-immirar tal-appoġġ. Il-Presidenza tieħu kont tal-kummenti mid-delegazzjonijiet u l-Kummissjoni fit-tkomplija tan-negozjati dwar dan id-dossier. Il-Presidenza ħadet nota wkoll tal-appoġġ wiesa' mid-delegazzjonijiet għall-intenzjoni li jiġu konklużi n-negozjati dwar ir-riforma tal-PAK malajr kemm jista' jkun.

- Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza dwar in-negozjati interistituzzjonali li għaddejjin dwar ir-Regolament Orizzontali abbażi tad-dok. 6919/21.
  Il-Kunsill kellu skambju ta' fehmiet dwar is-suġġerimenti ta' kompromess tal-Presidenza għal għadd ta' kwistjonijiet relatati mal-kondizzjonalità, it-trasparenza u l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE u tal-kummenti tad-delegazzjonijiet u tal-Kummissjoni. Il-Presidenza tieħu kont tal-kummenti mid-delegazzjonijiet u l-Kummissjoni fit-tkomplija tan-negozjati dwar dan id-dossier.

- Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza dwar in-negozjati interistituzzjonali li għaddejjin dwar ir-Regolament dwar l-OKS abbażi tad-dok. 6900/21.
  Il-Kunsill kellu skambju ta' fehmiet dwar is-sitwazzjoni attwali tan-negozjati mal-Parlament Ewropew u t-triq 'il quddiem b'mod partikolari dwar l-emendi tal-PE taħt il-Blokok 1 u 3. Il-Presidenza tieħu kont tal-kummenti mid-delegazzjonijiet u l-Kummissjoni fit-tkomplija tan-negozjati dwar dan id-dossier.

- Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza dwar in-negozjati interistituzzjonali li għaddejjin dwar il-mudell ta' implimentazzjoni ġdid abbażi tad-dokumenti 6680/21 u 6919/21.
  Il-Kunsill kellu skambju ta' fehmiet dwar il-kwistjonijiet pendenti ewlenin dwar dan is-suġġett. Il-Presidenza tieħu kont tal-kummenti mid-delegazzjonijiet u l-Kummissjoni fit-tkomplija tan-negozjati dwar dan id-dossier.

**Affarijiet oħra**

**9.** Agrikoltura

**a) Proposti leġiżlattivi attwali**
(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

**Pakkett ta' riforma tal-PAK għal wara l-2020:** ❶C 7087/21

**Proposti biex l-implimentazzjoni tal-PAK issir aktar sempliċi**
*Informazzjoni mid-delegazzjoni Franċiża, f'isem id-delegazzjoni Awstrijaka, Ċiprijotta, Ċeka, Daniża, Finlandiża, Franċiża, Griega, Ungeriża, Irlandiża, Taljana, Lussemburgiża, Pollakka, Rumena u Spanjola*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mid-delegazzjoni Franċiża, f'isem id-delegazzjoni Awstrijaka, Ċiprijotta, Ċeka, Daniża, Finlandiża, Franċiża, Griega, Ungeriża, Irlandiża, Taljana, Lussemburgiża, Pollakka, Rumena u Spanjola, dwar kif l-implimentazzjoni tal-PAK issir aktar sempliċi, abbażi tad-dokument informali tagħhom fid-dok. 7087/21.

| | | |
|---|---|---|
| **b)** | **Ħtieġa ta' fondi addizzjonali biex jiġi appoġġat is-settur tal-inbid affettwat mill-kriżi tal-COVID-19 u t-tariffi tal-Istati Uniti**<br>*Informazzjoni mid-delegazzjoni Spanjola, f'isem id-delegazzjoni Awstrijaka, Bulgara, Kroata, Ċiprijotta, Ċeka, Franċiża, Griega, Ungeriża, Taljana, Maltija, Rumena, Slovakka, Slovena u Spanjola* | 7048/21 |

---

❶ L-ewwel qari

C Punt ibbażat fuq proposta tal-Kummissjoni

2 Dibattitu pubbliku propost mill-Presidenza (Artikolu 8(2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill)